MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 920/2002

**Fl-atti tal-Mandati ta' Sekwestru bin-numri u ismijiet elenkati:**

1. **Bank of Valletta p.l.c. vs Carmelo Micallef (Contractors) Limited numru 2511/98;**
2. **Mid-Med Bank plc vs Carmelo Micallef (Contractors) Limited numru 2959/98;**
3. **Mid-Med Bank plc vs Carmelo Micallef (Contractors) Limited numru 3114/98**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' John Sammut u Emmanuel Farrugia fil-kwalita' taghhom ta' stralcjari tas-socjeta' Carmelo Micallef (Contractors) Limited li biha, wara li ppremettew illi b'rizoluzzjoni tal-azjonisti tal-5 ta' Jannar, 1999, is-socjeta' Carmelo Micallef (Contractors) Limited giet xolta bil-procedura ta' stralc volontarju tal-kredituri;

Ipremettew illi fil-laqgha tal-kreditur tad-19 ta' Jannar, 1999 gew appuntati bhala starlcjari John Sammut CPA u Emanuel Farrugia CPAA;

Ipremettew illi huma gew mgharrfa illi l-kumpanija jista' jkun li ghad ghandha tircevi *dividend* dovut lilha bhala azzjonista fis-socjeta' Novita' Construction Company Limited, izda r-rilaxx ta' dawn il-flus ma jistax jsir biex dawn jigu distribwiti a beneficcju tal-massa tal-kredituri minhabba diversi Mandati ta' Sekwestru elenkati fil-lista annessa mahruga kontra s-socjeta' esponenti f'idejn Novita' Construction Company Limited;

Ipremettew illi a tenur tal-Artikolu 292 tal-Att 1995 dwar il-Kumpamiji il-Qorti tista' tezercita dwar kwalunkwe kwistjoni is-setghat kollha jew uhud minnhom li l-Qorti tista' tezercita jekk il-kumpanija kienet qed tigi stralcjata mill-Qorti, jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-ezercizzju mehtieg ikun gust u ta' beneficcju;

Ipremettew illi fost il-poteri li tgawdi l-Qorti fil-kaz ta' stralc hemm il-poter imsemmi fl-Artikolu 250(b) li ggieghel lis-sekwestrarju Novita' Construction Company Limited li thallas *dividends* lill-stralcjarju minnufih jew f'dak iz-zmien kif tordna l-Qorti;

Ipremettew illi l-Qorti ghandha wkoll poteri li twaqqaf procedimenti kontra l-kumpanija (Art. 220) u kull mandat mahrug kontra kumpanija (Art. 222);

Talbu ghalhekk bhala stralcjarji tas-socjeta' Carmelo Micallef (Contractors) Limited illi din il-Qorti tordna fil-konfront tas-sekwestrarju Novita' Construction Company Limited li jaqghu il-Mandati ta' Sekwestru kollha fuqha servuti kontra l-kumpanija esponenti biex ikunu jistghu jithallsu *dividends* futuri u kull pagament iehor hekk dovut lis-socjeta' Carmelo Micallef (Contractors) Limited minn Novita' Constrution Company Limited.

Rat ir-risposta imressqa mis-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. li fiha eccepew illi:

1. Preliminarjament ghandu jinghad illi l-Mandat ta' Sekwestru numru 2511/98 kien gie revokat in toto permezz ta' Kontromandat numru 3929/99 mahrug fl-1 ta' Settembru, 1999 u ghalhekk fir-rigward tal-imsemmi Mandat it-talba hija irrita u inammissibli;

2. Subordinatament, imma dejjem in via preliminari, fir-rigward ta' kwalsiasi Mandat ta' Sekwestru iehor mahrug fuq talba tal-esponenti kontra r-Rikorrenti, jigi umilment sottomess illi huwa guridikament pacifiku illi l-persuna li kontra taghha jinhareg Mandat Kawtelatorju tista tipprevalixxi ruhha mill-procedura sommarja tar-Rikors ghar-revoka tal-istess biss f'dawk ic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 836 (1) tal-kap. 12 tal-ligijiet; Jigi umilment sottomess illi, stante li l-ebda wiehed mis-subincizi ta' dak is-subartikolu ma huwa applikabbli, allura it-talba kif formulata in via ta' Rikors hija ukoll irrita u inamissibbili.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju, l-Artikolu 220, 222 u 250 tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpaniji ma ghandhom l-ebda relevanza ghall-kaz in disamina.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju, jigi umilment sottomess illi minhabba l-premess u anke minhabba li qabel ma saret din il-procedura ma saret l-ebda interpellanza bonarja lill-esponenti biex din il-materja tigi rizolta bonarjament, l-esponent m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Ghar-ragunijiet suesposti l-esponenti umilment tissottometti li dan ir-Rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-avukati tal-partijiet u hadet l-informazzjoni mehtiega;

Rat li dan ir-Rikors thalla ghad-decizjoni ghallum;

Ikkunsidrat;

Illi f'dawn il-proceduri, ir-rikorrenti kienu gew mahtura bhala stralcjarji tas-socjeta' Carmelo Micallef (Contractors) Limited. Din is-socjeta' tidher li ghandha ishma fis-socjeta' Novita' Construction Limited, izda din ta' l-ahhar ma tistax tghaddi d-*dividends* relattivi lis-socjeta' Carmelo Micallef (Contractors) Limited, u dan peress li xi banek kredituri ta' din l-ahhar kumpanija hargu diversi Mandati ta' Sekwestru kontra taghha u f'idejn is-socjeta' Novita' Construction Limited. Dawn id-*dividends* jappartjenu lis-socjeta' Carmelo Micallef (Contractors) Limited u, kwindi, jridu jaghmlu tajjeb ghad-djun ta' l-istess kumpanija, liema djun iridu jithallsu mill-assi tal-kumpanija skond il-priorita' taghhom u/jew pro rata.

L-istralcjarji ta' din il-kumpanija gew mahtura precisament b'dan l-iskop, u cioe', biex jillikwidaw l-assi taghha, jircievu l-flus li ghandha tiehu, u jiddistribwixxu l-istess a beneficcju tal-massa tal-kredituri. Huma, ghalhekk, qed jitolbu li jitnehhew il-Mandati ta' Sekwestru in kwantu jolqtu l-hlas ta' dawn id-*dividends* mis-socjeta' Novita' Construction Limited.

Issa skond l-Artikolu 292 ta' l-Att tal-1995 dwar il-Kumpaniji, f'kaz ta' stralc volontarju tal-kredituri, l-istralcjarji jistghu jitolbu lill-Qorti tiddeciedi kull kwistjoni li tinqala matul l-istralc, u l-Qorti tista' tilqa' l-istess talba, ghal kollox jew f'parti, jekk jidhrilha li jkun gust u ta' beneficcju. Bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti tista', allura, taghti dawk il-provedimenti kollha li jidhrilha opportuni fl-interess tal-likwidazzjoni tal-kumpanija; fost dawn is-setghat, il-ligi taghti lill-Qorti poter espress li tordna lil kull persuna li jkollha xi flus jew proprjeta' li *prima facie* jappartjentu lill-kumpanija, li tghaddi dawk il-flus lill-istralcjarju tal-kumpanija (art. 250(b)).

Wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet, din il-Qorti thoss li jkun jaqbel li d-*dividends* dovuti lis-socjeta' Carmelo Micallef (Contractors) Limited jigu moghtija lill-istralcjarji ta' l-istess, u dan sabiex dawk il-flus jidhlu fl-assi tal-kumpanija biex jitqassmu mal-kredituri skond il-ligi.

Fil-fatt, il-Mandat ta' Sekwestru numru 2511/98 li kien hareg mill-Bank of Valletta p.l.c., kien gia' gie imnehhi fuq inizjattiva ta' l-istess Bank; fil-fatt kien gie imnehhi ferm qabel il-presentata ta' dan ir-Rikors u t-talba fil-konfront tal-Mandat relattiv hija ghallkwantu inutili.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tiddisponi mit-talba, billi tilqa' l-istess, b'dan li s-socjeta' Novita' Construction Company Limited ghandha thallas id-*dividends* u kull pagament iehor lill-stralcjarji tas-socjeta' Carmelo Micallef (Contractors) Limited, biex dawn jiddisponu u jqassmu l-istess fil-kors tal-mensjonijiet u r-responsabilitajiet taghhom taht il-ligi.  L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.

**IMHALLEF**

**D/REG**